Ġunju 2016 • Vol 23 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




Fil-Paġni ta' ġewwa:

- *Men of steel* – żewġ pulizija jagħmlu unur lil-pajjiżna
- Programm t'attivitajiet għal Jum l-Pulizija
- Mal-Passi tal-Korp

U aktar…

Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Ġunju 2016 • Vol 23 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt - CMRU

07



12



16



38



5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

12. *Men of Steel* - jagħmlu unur lil pajjiżna fil-Belġju

14. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

16. "Ibagħtu għal Carol Saliba" - Sir Arturo Mercieca

25. 40 jew 46 siegħa riflessi fil-paga?

29. Malta Police Association

32. Jum il-Pulizija 2016 - Mitejn u Sentejn Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

34. 124 immigrant irripatrijat fi 12-il xahar

36. Il-Markiż Vincenzo Bugeja

38. Mal-Passi tal-Korp

42. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

45. X'għandna xi ngħidu

50. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

53. Paġna għat-tfal

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju

IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supt Antonello Grech
WPS 101 Roberta Grima
WPS 96 Rodienne Bartolo
WPC 25 Charlene Cilia

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**



Donnu wasal is-sajf, għalkemm qisu t-temp għadu mhux ċert. Imma għalina l-Pulizija ma tagħmilx differenza kif ikun it-temp għax ix-xogħol li jġib miegħu s-sajf xorta waħda jiżdied. Iż-żieda fil-popolazzjoni minħabba t-turisti u l-festi jżidu bil-kbir ix-xogħol kważi kważi tal-Korp kollu. Awtomatikament jiġuni f'moħħi l-Pulizija tad-Distretti, l-RIU u t-Traffiku iżda anke l-ALE u s-Sezzjoni tal-Klieb jiżdidilhom ix-xogħol f'dan iż-żmien li bis-sħana ħadd ma jkollu aptit jaħdem. Lanqas tista' tħalli barra l-Iskwadri ta' Kontra d-Droga u l-Vizzji, għax dawn ukoll iġarrbu l-konsegwenzi tal-influss fit-turisti u wisq aktar tal-istudenti li jitgħallmu l-Ingliż. Tajjeb inżommu f'moħħna li għalkemm ix-xogħol jiżdied, il-klijenti tagħna mhux ser tagħmlilhom differenza. Xorta kulħadd jistenna li jieħu servizz xieraq mingħandna. Bħalma spiss ngħidu, daqqa tiġina tajba u daqqa tiġina ħażin fix-xogħol. Issa waslet id-daqqa fejn jiżdied ix-xogħol u rridu niżfnu magħha. Ma ninsewx li jekk kulħadd jagħmel il-biċċa tiegħu, ħadd ma jbati aktar milli jmissu.

Avveniment importanti għalina fis-sajf huwa Jum il-Pulizija, li din is-sena jgħodd il-mitejn u sentejn mit-twaqqif tal-Korp. Tajjeb inħeġġu lill-membri tagħna u anke lill-eks-membri, sabiex jingħaqdu mal-kumplament tal-Korp u jipparteċipaw kemm fl-attivitajiet soċjali li jsiru fl-irħula, skont kif ser taraw fil-programm, kif ukoll fil-Quddiesa Solenni li ser issir nhar it-12 ta' Lulju. Dawn il-membri li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Korp permezz tal-banda, *silent drill* u esebizzjonijiet tal-klieb, jieħdu gost jaraw numru ta' nies qed isegwuhom u li jingħataw is-support minn sħabhom waqt dawn il-wirjiet. Barra minn hekk il-preżenza tagħna lkoll waqt iċ-ċerimonja solenni m'għandhiex tkun xi ħaġa ta' bilfors, iżda għandna nħossu sens ta' għaqda meta nattendu flimkien għal din iċ-ċerimonja biex infakkru minn fejn bdejna.

Nota tal-aħħar ħallejtha għall-artiklu interessanti; *Men of Steel*, li jiena impressjonajt ruħi meta qrajtu mhux għaliex dawn iż-żewġ kollegi rrappreżentawna bħala Pulizija, iżda għaliex dak li kisbu huwa xi ħaġa mondjali. Meta nara suċċess bħal dan ngħid wasal iż-żmien li bħala Korp nirrispettaw aktar kollegi bi professjonalita` fl-isport jew fi kwalunkwe` talent ieħor, mhux biss bi kliem ta' tifħir, iżda wkoll bil-fatti, billi nagħtu aktar inċentivi sabiex javvanzaw f'din il-ħila wkoll.

Editorjal

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Fit-18 ta' April 2016 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nfetħet il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Din l-attività li dejjem issir f'Jum id-Duluri tibda fin-nofsiegħa ta' wara nofsinhar b'quddiesa ċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr. Raymond Bonnici OFM.

Din il-wirja nfetħet mill-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar flimkien mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Carmelo Abela.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, il-Ministru Abela spjega kemm japprezza u jieħu gost b'attivitajiet bħal dawn u din partikolari minħabba żewġ skopijiet. L-ewwel skop huwa li l-Pulizija qiegħed jikkontribwixxi permezz tal-viżiv artistiku li kapaċi joħloq f'dawn iż-żminijiet. It-tieni skop huwa li fost ix-xogħol tajjeb li jagħmel il-Pulizija matul is-sena, huwa jkun qed juri l-ħiliet tiegħu permezz tat-talent tiegħu.

Il-Kummissarju, is-Sur Michael Cassar, ukoll faħħar it-talent ta' dawn il-Pulizija u spjega kif il-Pulizija xorta jkun qed iżomm kuntatt mal-pubbliku f'aspett differenti u ċioè b'sinifikat reliġjuż.
Fr. Raymond Bonnici OFM bierek il-wirja u imbagħad kien imiss lill-Assistent Kummissarju Mario Spiteri li ta spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kien hemm fil-wirja.

Din il-wirja bħal kull sena, offriet xogħol mill-isbaħ ta' pitturi magħmula mill-melħ kif ukoll diversi oġġetti oħra kollox magħmul minn Uffiċjali tal-Pulizija.



Attività ġewwa l-Parlament ta' Malta nhar il-21 ta' Marzu 2016 rat madwar 80 persuna fosthom Pulizija jiġu ppreżentati b'ċertifikati wara li attendew kors ta' taħriġ bażiku f'każ li tinħoloq emerġenza ġewwa l-bini tal-Parlament.

F'diskors tal-okkażjoni, l-Onorevoli Dr. Anġlu Farrugia semma kif matul is-sena, numru kbir ta' persuni jżuru l-bini tal-Parlament u huwa għalhekk li persuni li jaħdmu ġewwa dan il-bini għandhom ikunu mħarrġa f'każ li tinħoloq emerġenza.



Preżenti għal din iċ-ċerimonja qasira kienu l-eks Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar, l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, kif ukoll is-Supretendent inkarigat mid-Distrett tal-Belt, is-Sur Stephen Mallia.

Iċ-ċerimonja ġiet fit-tmiem tagħha meta tqassmu ċ-ċertifikati lil dawk kollha li attendew il-kors fosthom il-Pulizija kollha li jaħdmu fil-bini tal-Parlament.



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

F'ċerimonja qasira fl-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja, ħdax-il vettura tqassmu fi ħdax-il distrett tal-Pulizija. Dawn il-vetturi huma parti min-numru ta' vetturi li nxtraw mill-Korp u li kienu ġew utilizzati waqt iċ-*CHOGM* u l-*Valletta Summit*.



Preżenti waqt din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela flimkien mal-Aġent Kummissarju s-Sur Laurence Cutajar. Preżenti wkoll kien hemm iż-żewġ Assistenti Kummissarji nkarigati mid-Distretti, is-Sur Neville Aquilina u s-Sur Martin Sammut, kif ukoll il-Kmandant tal-Akkademja tal-Pulizija, is-Sur Joseph Cachia.

F'diskors li għamel il-Ministru Abela, wera l-gratitudni tiegħu lejn ix-xogħol tant importanti mwettaq mill-membri kollha fl-għases tal-Pulizija madwar Malta u Għawdex. Fr. Raymond Bonnici OFM – Kappillan tal-Korp tal-Pulizija bierek dawn il-vetturi qabel ma qabdu triqthom lejn id-distretti rispettivi.

---

Fid-9 ta' Mejju 2016 ġewwa l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija nħatru Surġent Maġġur tal-Ewwel Klassi, tmin Surġenti Maġġuri tat-Tieni Klassi u Surġent tal-Pulizija. B'total ta' 10 membri tal-Korp tal-Pulizija jiġu maħtura. Dan wara li l-lment tagħhom ġie milqugħ mill-*Grievances Unit*.

Kemm il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, kif ukoll l-Aġent Kummissarju Laurence Cutajar ferħu lil dawn il-membri u awgurawlhom suċċess fil-karriera tagħhom.

magazine.police@gov.mt



# *Men of Steel* - jagħmlu unur lil pajjiżna fil-Belġju

minn WPS 96 Rodienne Bartolo - CMRU

*Power Lifting* - sport li huwa pprattikat minn bosta membri fil-Korp tal-Pulizija, u li ra l-bidu uffiċjali tiegħu fis-sena 2008. Għal uħud minn dawn il-kollegi dan mhux biss passatemp, iżda passjoni li qed iġġib riżultati ferm sbieħ lejn pajjiżna.

Riċentament żewġ kollegi tagħna, PS 186 Kristian Mintoff u PC 436 Charles Degiorgio ġew magħżula sabiex jieħdu sehem f'kompetizzjoni tal-*Power Lifting* ġewwa Antwerp, fil-Belġju. Il-kompetizzjoni saret fl-14 ta' Mejju li għadda u fiha kkompetew bosta atleti minn pajjiżi differenti fosthom l-Ingilterra, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja kif ukoll il-Belġju.



Iltqajna ma' PS 186 u PC 436, li spjegawlna li fost l-oħrajn din il-kompetizzjoni partikolari tinkludi kategorija hekk imsejħa MPF (*Military – Police – Fire*) u li fiha jieħdu sehem atleti li ġejjin minn Korpi Dixxiplinati differenti madwar l-Ewropa, fosthom atleti li jagħmlu parti mir-*Royal Air Force*.

Ta' min jirrimarka li f'din il-kompetizzjoni, sħabna ġabu riżultati tajbin ħafna. Mintoff ġie l-ewwel fil-kategorija ta' taħt il-100kg, fejn refa' piż totali ta' 655kg (235/147.5/272.5). Hu ġie ddikjarat ukoll bħala l-iżjed atleta mill-kategoriji kollha li refa' total ta' kilogrammi fil-kompetizzjoni. Filwaqt li Degiorgio ġie l-ewwel fil-kategorija ta' taħt it-82.5kg, b'piż totali ta' 602.5kg (215/125/252.5), u ġie ddikjarat ukoll bħala l-iżjed atleta b'saħħtu għall-piż tiegħu, fost l-atleti kollha.



Kris u Charles jisħqu fuq l-importanza li l-membri tal-Korp ikunu involuti fl-isports, speċjalment dak kompettitiv għaliex dan, apparti fiżikament, jgħin ukoll lill-Pulizija mentalment. Huma jikkummentaw li riċentement jidher li hemm titjib, f'sens ta' rikonoxximent għall-Pulizija involuti f'dan l-isports, tant li għall-ewwel darba kien se jiġi inkluż fl-*isports day* li kellha tiġi organizzata din is-sena għall-Korpi Dixxiplinati f'Malta.

Għall-PS 186 u PC 436, din ma kinitx l-ewwel kompetizzjoni 'l barra minn xtutna għaliex huma ħadu sehem f'diversi kompetizzjonijiet matul is-snin li għaddew, tant li PC 436 għandu f'idu wkoll *World Record* fil-kategorija tal-MPF li rnexxielu jikseb waqt waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet passati. L-ewwel kompetizzjoni li ħadu sehem fiha barra minn Malta kienet fis-sena 2009, fejn dakinhar kienu wkoll ġew rikonoxxuti fuq dan il-magażin. Żgur li dakinhar l-Ispettur Charlot Casha (dak iż-żmien Surġent) u li kien kiteb l-artiklu, kien bassar tajjeb meta qal li l-futur jidher wieħed tajjeb għal dan l-isport.



Nawguraw kull suċċess lil Kris u lil Charles, kif ukoll lil dawk il-membri kollha li permezz tal-isports u b'ħafna sagrifiċċji personali, qed jagħmlu unur lill-Korp. Tajjeb nuru r-rikonoxximent tagħna għal dak li qed jagħmlu!

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Lil min tikkoncerna,

Nixtieq f'ismi u f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa nirringrazzja lil Korp tal-Pulizija, tal-Koperazzjoni shiha taghkhom fl-attivita' li ttelet gewwa Hal Luqa nhar il-Hadd 20 ta' Settembru.

In-nies li kienu prezenti apprezzaw hafna dak li kellkhom x'toffru, mhux biss dawk li hadu sehem direttament izda anki l-Pulizija li kienu ghassa dakinhar gewwa Hal Luqa.

Dejjem tieghek

Eric Camilleri
Kunsillier

The Malta Police Force

Very well assisted by the Fgura police station... thank you ☺ for helping me in a solving my number plate problem

Just want to extend my gratitude to PC622 at Mdina Station for his commendable approach in handling my complaint about a parker last Thu 02/07. Same goes to the Sergeant and his team at the Qawra Station for their prompt action in dealing with a noisy neighbour at 4am last Monday.

Thank so much – You should be proud of this crew.

All the best

## Rodwan Aghil – In appreciation

On behalf of all the family members of Rodwan Aghil, his father Mousa, his mother Ghada, his grandmother Sadiqa, his uncle Zakaria, his brothers Ayoub, Yassin, baby Taha, his sisters Juhaina, Botyna, Teima, Rania, Rana and Rudina, we would like to thank everyone, all our Libyan and Maltese friends and acquaintances, including the staff at EIE Educational Group, who showed us sympathy and offered to help us in this very difficult period that resulted from the tragic and untimely death of our dear son, grandson, nephew, brother and friend Rodwan.



We would also like to thank the entire staff at the Libyan Embassy for their presence throughout our ordeal. We appreciated it very much.

A special thank you goes to the Head Of School at St Catherine's, Ms Sue Midolo as well as all the staff and students where Rodwan had attended as a full-time student, for all the love, care and consideration they continue to show us. We are truly indebted.

We are also very grateful for the immediate aid given to Rodwan by the medical staff at Mater Dei, and the thorough investigations conducted by the police of St Julian's Police Station. We cannot but also acknowledge the first assistance given to Rodwan by passers-by, in particular the medical doctor who administered CPR until the ambulance arrived on the scene.

Young Rodwan will continue to be in our hearts and memories for a very, very long time, and we believe, as Muslims, that he is now watching over us from Heaven. For our part, we pray to God to accept him with His mercy and allow his soul eternal peace.

Commissioner of Police.

Dear Sir,

It is with my heartful gratitude towards two members of the Police Force, namely PC 1512 and PC 927 who whilst on patrol at Ta' Qali, found my stolen wallett with all my personal documents intact.

These two police officers came personally to my house at Qrendi to give me the wallett because of the cash links, driver's licence and ID Card.

Thank you

Parroċċa Madonna ta' Lourdes
San Ġwann
1965-2015

Lis-Supretendent
Għassa San Ġiljan.

Għażiż Sir,

Il-Paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom!

Qiegħed ninqeda b'dawn il-versi biex f'isem il-komunita' Parrokkjali nirringrazzja lilek u lil kollegi tiegħek kollha għas-serviz tajjeb li tajtu lil ntwera fl-ordni li kien hawn tul il-granet tal-festa. B'hekk l-organizzazzjoni tal-festa setgħet timxi kif imxiet.

Inwegħdukom it-talb tagħna u l-Mulej ibierek l-familji tagħkom u Ommna Marija tħariskom fix-xogħol delikat li għandkom.

Dejjem tiegħek

Fr. Emmanuel Abela ofm Cap.

Our reference
mac/ato

Date
14 October 2015

Dear President, dear General Secretary,

I am writing to express UEFA congratulations and gratitude on the way the high risk match with Croatia was handled.

It was indeed a match that had raised significant security concerns, given the potential disruption that groups of known Croatian troublemakers were expected to bring. The Croatian FA had decided to make no tickets available for their fans in order to minimize the risk.

The excellent cooperation between associations and police of your respective countries guaranteed the staging of the match in safe and secure conditions. We are grateful, in particular, for your flexibility in changing ticketing plans to suit the policy agreed with the visiting association.

We kindly ask you to extend our sincere thanks to the competent Ministry and the police authorities not only for the thorough preparation but also for the impeccable operations at the match.

Kind regards,

UEFA

Giorgio Marchetti
Director Competitions

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# "Ibagħtu għal Carol Saliba" - Sir Arturo Mercieca

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

L-istorja titratta fuq xiex titratta qatt mhi kompluta. Ħafna drabi twasslek f'punt fejn ikollok tinkludi diversi kjarifiki, tin-filsa xi ftit tar-riflessjoni minn fuq l-istess riċerka, waqt li wkoll fost oħrajn, issemmi jew tagħti ġieħ personaġġi li jkunu sawru dawn l-istess ġrajjiet. L-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, ukoll b'xi mod, fil-fehma tiegħi, tista' tkun qiegħda tonqos jekk ma tagħtix ftit tal-ispazju sabiex issemmi nies importanti milli sawruha waqt li nittama li ser ikun ukoll ta' benefiċċju għall-qarrejja.

"**Ibagħtu għal Carol Saliba...** !" hekk kien jin-stema' jgħid il-President tal-Qorti Sir Arturo Mer-cieca, wara li jkun għadu kif sar xi delitt u li mill-bidu jkun juri biċ-ċar li mhux ser ikun faċli sabiex jissolva.

Kif rajtu, bdejt dan l-artiklu b'titlu mislut minn kwotazzjoni dwar l-Ispettur Carol Saliba, il-bnie-dem dinamiku, pjuttost kontroversjali.

Carmelo Maria Saliba twieled Ħal Qormi, nhar is-16 ta' Diċembru tal-1890, il-ġenituri tiegħu Goi Maria u Ġużeppa xebba Caruana. Imrobbi f'dixxiplina minn ċkunitu. Missieru kien jaħdem bħala uffiċjal tal-kummissarjat tar-riġmenti Ingliżi f'Malta. Kien jieħu ħsieb ukoll it-tqassim tat-trasport u l-proviżjon kollu f'dan ir-rigward. Għalhekk, is-sens ta' dixxiplina militari tnissel ġewwa fih u baqa' jikber miegħu sa ma ħalla din id-dinja nhar id-9 ta' Diċembru tal-1981 fl-età sabiħa ta' wieħed u disgħin sena.



Kien beda l-istudji tiegħu fil-kulleġġ ta' Flores ġewwa Triq San Pawl, il-Belt u wara fi Triq l-Ifran. Minn hemm daħal l-Università fejn primarja-ment kien ħa kors dwar ix-xjenza. Barra li kiseb grad fix-Xjenza, huwa kien litterat ukoll fil-lingwi bħalma kienu l-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, il-Lat-in, l-Aritmetika, il-Filosofija u xi suġġetti oħra. Ta' erbgħa u għoxrin sena, ħareġ mill-Università eżatt kif kienet faqqet l-Ewwel Gwerra fl-1914.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Hawn kien ivvolontarja ruħu sabiex idur b'dawk il-midrubin li kienu jinġiebu f'Malta ġewwa l-Isptar Militari. Imbagħad kien tħajjar sabiex jingaġġja fil-Korp tal-Pulizija. Applika u wara eżami kien irnexxielu jidħol nhar l-1 ta' Diċembru 1917. Issa kellu sebgħa u għoxrin sena u sew minħabba l-enerġija li kellu, kif ukoll għax kien wera' sa mill-bidu nett is-sens ta' dixxiplina, il-Kummissarju ta' dak iż-żmien Claude Wordruff Duncan (1916-1919) ħatru segretarju privat tiegħu. Wara mbagħad kien intbagħat Spettur fl-Għassa taż-Żurrieq. Dak iż-żmien Diviżjon 'Ċ' u kien ilaħħaq l-irħula kollha tal-madwar. Hawn kien baqa' wkoll imfaħħar għall-intervent sogruż li wettaq personalment meta nhar id- 9 ta' Lulju tal-1926, kienet splodiet il-kamra tan-nar tal-Qrendi. Hu u n-nies tiegħu kienu marru fuq il-post u daħlu fin-nirien qalb mijiet ta' murtali u xogħol ieħor tan-nar li kien għadu ma ntlaħaqx minn nar. Wara, kif għidt, kien ġie mfaħħar fir-rapport tal-inkjesta tal-Maġistrat u wkoll fuq il-ġurnali li kienu ħarġu.

## Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija

Meta faqqet it-Tieni Gwerra Dinjija, Saliba kien intbagħat iservi l-Birgu. Inħawi li bħalma nafu, kienu l-aktar affettwati. L-Għassa kienet f'daqsxejn ta' dar ħdejn il-*Couvre port*. Iż-żmien li kien stazzjonat il-Kottonera, kien ġie deskritt 'bħala l-persuna li jlaħħaq ma' kollox u li ma' jaqta' qalbu minn xejn'. Saħansitra jagħmilha wkoll ta' sagristan, billi kien jgħin lil Dun Pawl Galea jqaddes fuq l-artal li kien ħejjielu huwa stess ġewwa l-għassa għal dawk li kienu tilfu djarhom fil-qrib. Hu u n-nies tiegħu, hekk kif jisimgħu l-krib tas-sirena, kienu joħorġu qabel ma jibdew niżlin il-bombi, biex imbagħad imorru jiġru fuq il-postijiet fejn jiġġarraf il-bini sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom, inklużi f'Bormla u l-Isla. L-aktar li Saliba u n-nies tiegħu kienu mħabbta kien propju fil-lejl tat-30 ta' April tal-1941, meta l-għadu kien għadu kif ħalla l-akbar ħerba li seta' jħalli f'dawk l-inħawi.

## Il-Każijiet dwar id-delitti

Kienu diversi l-każijiet dwar delitti li seħħew f'Malta fil-perjodu tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin li, bis-saħħa ta' Saliba, l-ħatja nġiebu sabiex jidhru quddiem il-ġustizzja; b'fost dawk b'ħafna snin wara. Hu kien wera ħila kbira għall-mod ta' kif kien imexxi l-investigazzjonijiet. Is-sensiela ta' suċċessi li kellu f'dan il-qasam kien jiżboq bil-kbir kull ħidma ta' fizzjali sħabu fiż-żmien partikulari u ta' ħafna oħrajn li ġew warajh. Ma jkun qed jingħad xejn li mhuwiex floku dwar Carol Saliba, meta jingħad li kien 'spettur aħrax'* fl-investigazzjonijiet. Wieħed jista' jgħid ukoll li dak kien il-metodu fl-interrogazzjonijiet tal-pulizija fiż-żminijiet imgħoddija. Ħafna kienu jqisuh


2. Besides the above Inspector Saliba has several other cases pending in Court among which a case of murder that occurred about 18 years ago. No other Police Officer ever succeeded to bring to justice so many delinquents in a short period. as Inspector Saliba did.

14th August, 1929

Commissioner of Police.

bħala l-ġurdien tal-għassa, oħrajn kienu jgħidu li kien wieħed minn tal-miktubin** biex dejjem kien isib il-ħatja, ankè f'dawk il-każijiet li ħaddieħor kien ikun qata' qalbu minnhom. Fosthom kien hemm il-każ tal-qtil ta' Francesco Grixti li kien sar fil-Gudja fl-1904. Dan il-każ kien reġa' beda jinvestigah wara tlieta u għoxrin sena. Ta' min jgħid li fi tmiem ta' dan il-ġuri, il-President tal-Qrati, Sir Arturo Mercieca kien faħħar il-ħila u l-abbiltà li kellu l-Ispettur Saliba minħabba li wara daqstant snin kien irnexxielu jsolvi dan id-delitt. Każ ieħor minn dawk li kien solva wara ċertu snin, propju wara tmintax-il sena, kien id-delitt li sar fiż-Żejtun fl-inħawi magħrufin bħala tat-Tavlin f'Awwissu tal-1911. F'dan id-delitt kienu ġew maqtula ċertu Mikiel Camilleri u ibnu Karmnu.

## Id-Diżappunti u l-allegazzjonijiet

Min-naħa l-oħra, kien baqa' jidher wisq bħala misteru, il-fatt li matul il-karriera tiegħu baqgħu qatt ma avvanzawh għall-grad ta' Supretendent. Hu kien baqa' jinqabeż kull darba li jkun hemm okkażjoni ta' promozzjoni għal dan il-grad.

Jingħad li Saliba kien jaf wisq fuq kollox u fuq kulħadd u f'bosta drabi s-skiet kien ikun aħjar iżda mhux għal Carol Saliba għax minn dejjem emmen fil-ħaqq. Wieħed jista' jistaqsi wkoll; min jaf kinitx ukoll xi għira jew tpattija. Min jaf allura setgħetx kienet ukoll xi ordni ġejja minn xi mkien sabiex lil Saliba jżommulu ħalqu magħluq.
Minkejja wkoll kif għidt, id-diversi tifħir u rakkomandazzjonijiet li kien irċieva matul il-karriera tiegħu, insibu rapporti annwali li joħroġ il-Kummissarju fil-gazzetti tal-Gvern u dawk lokali, ittri u verbali li kienu jsiru minn diversi ġudikanti li servew fi żmienu. Dawn wieħed għadu jista' jarahom sal-lum il-ġurnata. Komuni nsibu l-kumment li jiddeskrivi lil Saliba '**bħala l-uffiċjal li ħadha ma' tant fost l-aktar kriminali perikolużi ta' żmienu**'.

Ma' dak li kien jiġi miktub dwaru, kien jingħad ukoll li minkejja l-kontrokurrenti li kellu, deskritti bħala vleġġeġ sparati minn diversi direzzjonijiet, saħansitra ankè waqt li kien għadu għaddej fis-saga dwar l-attentat fuq il-ħajja ta' Lord Strickland; hu xorta waħda kien jibqa' għaddej u jaqdi dmiru bl-akbar ħeġġa.

Fost affarijiet oħra, jingħad li kien hemm min kien kemxejn xettiku dwar ir-riżultati tiegħu. Daqstant ieħor bħalma ssoltu jiġri, setgħu tnisslu ċertu miti madwar dawn l-istess ġrajjiet.

## Dekorazzjonijiet




Barra li Saliba kien ġie dekorat b'medalji bħalma huma l-*African Star*, id-*Defence Medal*, il-*Victory Medal* u l-*War Medal*, fis-sena 1931 ġie mogħti dekorazzjoni u unur tassew prestiġġjuż: il-*King's Medal*, li hija

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

fost l-aqwa dekorazzjoni li jista' jirċievi pulizija f'dawk iż-żminijiet għaż-żelu (iħabbrek u jistinka), dedikazzjoni u devozzjoni li wera' waqt xogħolu.

## Is-*St. John Ambulance Corp*

F'Settembru tal-1909, f'Malta twaqqfet is-*Saint John Ambulance Brigate*. Saliba, meta kien għad kellu dsatax-il sena, kien wieħed mill-fundaturi. Sa ma miet fl-1981 hu kien għadu l-aktar membru anzjan ħaj minn 32 membru tal-bidu. Waqt li kien fil-pulizija bejn is-sena 1944 u l-1948, kien ġabar madwar mitejn pulizija fi gradi differenti biex if-forma l-*Police Ambulance Corp* wara l-permess li kien talab. Dan minħabba li hu kien jisħaq li kull pulizija għandu jkollu ħjiel tal-ewwel għajnuna, billi hu jista' jkun minn tal-ewwel fuq il-post ta' xi inċident.

Wara li kien serva wieħed u tletin sena fil-pulizija, irtira meta kien laħaq l-età ta' 58 sena. Iżda xorta waħda ma tantx dam wieqaf, għax ftit tax-xhur wara beda jorganizza l-*Ambulance Corp* fil-Belt li baqgħu jinfirxu wkoll fil-Furjana, il-Ħamrun, il-Marsa, Ħal Qormi, Birkirkara, Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard. Barra dan, fl-1953 kien mexxa kontinġent Malti għall-*Coronation Parade* tar-Reġina f'Londra. Tlett snin wara fl-1956, ta' sitta u sittin sena, hu kien laħaq *Principal Staff Officer* għall-amministrazzjoni fil-Kwarteri Ġenerali tal-Brigata. Kien baqa' attiv tista' tgħid, sa ftit taż-żmien qabel ma miet, jinżel il-Kwarteri Ġenerali tal-Brigata biex jgħin lil kull min kien jitolbu. Issibu dejjem hemm bi kliem ta' merħba, jilqa' l-viżitaturi, jitma' l-qtates, waqt li jispikka fih dak il-karattru li kien magħruf bih; ta' bniedem ħanin u karitattiv.



Ħasra li dan il-personaġġ sa ma laħaq miet, ma kienx laħaq iltaqa' mal-persuna li flimkien miegħu kien iħallilna l-bijografija kulurita tiegħu. Żgur li kienet tkun waħda tassew interessanti u li tiġbed l-interess ta' ħafna. Dak li nafu huwa l-ftit minn hawn u l-ftit minn hemm. Xejn xejn, jaf konna nsiru nafu aktar dwar ċertu ġrajjiet u każijiet pas-sati li seħħew f'pajjiżna fi żminijiet tal-imgħoddi. Għax minkejja li sibnihom miktubin, xi wħud xorta waħda donnu jibqgħu mhux imwieġba jew konklużi b'mod sodisfaċenti.

*il-kelma aħrax irridu nifhmuha f'kuntest ta' żmien. Għad-djalettika tal-lum, aktar tagħti x'tifhem li kien persistenti u li ma jaħrablu xejn fis-sens tal-kelma... jitratta l-każijiet tiegħu b'ċertu intensità.

**deskrizzjoni, aġġettiv użat f'dawk iż-żminijiet għal xi ħadd li juri mġieba jew attitudni pjuttost misterjuża. Għal ħafna, simili wkoll għal seħer jew xi setgħa.

joseph.q.borg@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# 40 jew 46 siegħa riflessi fil-paga?

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Kemm ili nagħti l-kontribut tiegħi fil-POU-GWU qattajt ammont sostanzjali ta' sigħat nisma' diversi ideat u lmenti minn membri li jiġu l-uffiċċju tagħna fil-ħin liberu tagħhom ġewwa l-Belt Valletta. Proposta minnhom hi dik li wasal iż-żmien għal rinumerazzjoni fil-paga, ċioè li s-sigħat żejda li naħdmu fil-ġimgħa jkunu riflessi fil-paga. Sabiex wieħed ikun jista' jifhem sewwa dak li qed ngħid, ta' min wieħed jidħol ftit fid-dettall u nagħmlu daqsxejn paraguni mal-iskali tal-kumplament tal-ħaddiema taċ-Ċivil.

Jekk nieħdu l-inqas skala fil-Korp tal-Pulizija, dik ta' kuntistabbli fl-ewwel sena ħidma tiegħu, kuntistabbli jaqa' taħt skala 14 u jrid jaħdem 46 siegħa fil-ġimgħa. Diversi ħaddiema fiċ-Ċivil taħt skala 14 jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa. Malli jinqabżu l-40 siegħa xogħol tiskatta s-sahra. Fil-Korp tal-Pulizija r-rata tas-sahra tiskatta wara li jinħadmu s-46 siegħa xogħol. Dan ifisser li kull membru fil-Korp qed jaħdem 312-il siegħa aktar fis-sena minn kull ħaddiem tal-istess skala tiegħu fiċ-Ċivil.

Biex nagħti eżempju: Fl-2016, persuna fil-minimu ta' skala 14 fiċ-Ċivil qed jitħallas bir-rata ta' €6.75ċ fis-siegħa, filwaqt li kuntistabbli wkoll fil-minimu ta' skala 14 qed jitħallas bir-rata ta' €5.87ċ fis-siegħa (dawn il-figuri ġew miġbura mill-Ftehim Kollettiv taċ-Ċivil 2011-2016). Jekk minflok nipprovaw inċaqilqu l-iskali u nimxu fuq il-prinċipju li l-membri kollha tal-Korp jitħallsu bl-istess rata taċ-Ċivil fis-siegħa, skont l-iskali rispettivi tagħhom, inkunu għamilna rinumerazzjoni sinifikanti fil-pagi ekwivalenti bejn wieħed u ieħor għal żewġ skali. Raġuni għaliex ma jaqbilx li nċaqilqu l-iskali hi li l-ogħla skala fil-Korp hija dik tal-Kummissarju li diġà jaqa' taħt it-2 skala, apparti l-fatt li jekk immorru għal skali ogħla, il-gvern jaf ikollu pressjoni mill-ħaddiema taċ-Ċivil fl-istess skali tagħna minħabba li aħna nkunu tlajna fil-gradi u huma le. Barra minn hekk, jibqa' l-fatt li nkunu nistgħu nitilgħu biss skala waħda peress li l-Kummissarju diġà jinsab taħt skala numru 2.

Promotur ewlieni tal-proposta msemmija hawn fuq huwa s-*shop steward* tagħna PC1489 Jason Attard li jemmen bi sħiħ li aħjar nibqgħu naħdmu 46 siegħa fil-ġimgħa u tkun riflessa fil-paga milli nniżżlu s-sigħat tax-xogħol għal 40 siegħa. Ta' min jgħid li din il-proposta diġà ġiet diskussa mal-Prim Ministru Joseph Muscat fil-laqgħa li l-POU-GWU kellha miegħu nhar id-9 ta' Marzu li għadda li għalkemm ma kkommettiex ruħu li ser jimplimentaha, fehem minnufih il-prinċipju u ħa nota dwarha sabiex tiġi kkonsidrata. Biex dan kollu jkun jista' jseħħ irid isir ftehim settorjali ġdid li jikkanċella dak li sar fl-2012 li minflok tejjeb xi kundizzjonijiet mill-Ftehim Kollettiv taċ-Ċivil, naqqas ammont ta' kundizzjonijiet pożittivi.

Minn hawn napprezzaw jekk intom il-qarrejja, indipendentament jekk intomx membri jew le fi ħdan il-POU-GWU, tagħtuna *feedback* dwar din il-proposta u tindikaw jekk tippreferux li jitnaqqsu s-sigħat tax-xogħol għal 40 siegħa fil-ġimgħa jew jekk nibqgħux naħdmu kif aħna u tiġi riflessa fil-paga kif indikat fit-tabella hawn taħt. Tistgħu tikkomunikaw l-preferenza tagħkom b'*email* fuq: feedback@pou-gwu.org.mt

Dawn il-figuri huma meħuda mill-Ftehim Kollettiv taċ-Ċivil 2011-2016 u jirriflettu s-sena li qegħdin fiha bħalissa, ċioè s-sena 2016. L-aħħar żewġ kolonni jindikaw xi tkun iż-żieda (annwali / ma' kull paga) kieku llum nitħallsu bil-proposta msemmija.

tvella@pou-gwu.org.mt

| SKALA | RANK | PAGA ANNWALI (ILLUM) | ŻIEDA ANNWALI (Kif propost) | ŻIEDA MA KULL PAGA (KIF propost) |
|---|---|---|---|---|
| 14 | Kuntistabbli (l-ewwel sentejn servizz) | Min - €14,036.02<br>Max - €14,352.85 | Min - €2,105.38<br>Max - €2,152.93 | Min - €161.95<br>Max - €165.61 |
| 13 | Kuntistabbli (wara sen-tejn servizz) | Min - €14,981.00<br>Max - €16,994.00 | Min - €2,247.15<br>Max - €2,549.10 | Min - €172.86<br>Max - €196.09 |
| 12 | Kuntistabbli (wara tmien snin servizz) | Min - €15,972.00<br>Max - €18,096.00 | Min - €2,395.80<br>Max - €2,714.40 | Min - €184.29<br>Max - €208.80 |
| 11 | Surġent | Min - €17,022.98<br>Max - €19,274.00 | Min - €2,553.45<br>Max - €2,891.10 | Min - €196.42<br>Max - €222.39 |
| 10 | Surġent-Maġġur tat-Tieni Klassi | Min - €18,127.98<br>Max - €20,574.00 | Min - €2,719.20<br>Max - €3,086.10 | Min - €209.17<br>Max - €237.39 |
| 9 | Surġent-Maġġur tal-Ewwel Klassi | Min - €19,320.02<br>Max - €22,004.00 | Min - €2,898.00<br>Max - €3,300.60 | Min - €222.92<br>Max - €253.89 |
| 8 | Spettur (l-ewwel seba' snin servizz) | Min - €20,619.02<br>Max - €23,540.00 | Min - €3,092.85<br>Max - €3,531.00 | Min - €237.91<br>Max - €271.62 |
| 7 | Spettur (wara seba' snin servizz) | Min - €22,043.98<br>Max - €25,231.00 | Min - €3,306.60<br>Max - €3,784.65 | Min - €254.35<br>Max - €291.13 |
| 5 | Supretendent | Min - €25,288.98<br>Max - €29,133.00 | Min - €3,793.35<br>Max - €4,369.95 | Min - €291.80<br>Max - €336.15 |
| 4 | Assistent Kummissarju | €33,057.00 | €4,958.55 | €381.43 |
| 3 | Deputat Kummissarju | €36,482.00 | €5,472.30 | €420.95 |
| 2 | Kummissarju | €39,928.00 | €5,989.20 | €460.71 |

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mill-Ispettur Frankie Sammut

Għeżież membri, il-Korp tal-Pulizija għadda minn ħafna tlugħ u nżul. Ġejna kkritikati fuq ħafna deċiżjonijiet jew azzjonijiet ħżiena li sfortunatament ħallew impatt negattiv fuq il-Korp tal-Pulizija inġenerali. Dan mhux qed naħsbu jien iżda statistika li toħroġ kull tant żmien fejn dan l-aħħar irriżulta li l-perċezzjoni tal-pubbliku inġenerali mhix waħda sodisfaċenti. Fil-fatt jidher li l-fiduċja li l-pubbliku kellu fil-Pulizija naqset drastikament u dan ma jawgurax tajjeb.

Mhux qed ngħid illi kull Pulizija huwa tajjeb iżda mal-ftit m'għandhomx jeħlu dawk kollha li jissagrifikaw ruħhom għall-Korp tal-Pulizija. Dawn l-aħħar snin kellna ħafna tibdiliet fit-tmexxija fi ħdan il-Pulizija u sfortunatament dawn il-bidliet ġabu instabilità kbira fil-Korp. Dan l-aħħar kellna r-riżenja tal-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar li minħabba raġunijiet ta' saħħa dan ma setax ikompli fit-tmun tat-tmexxija. Għalkemm kellna ħafna diverġenzi u kwistjonijiet rigward l-interessi tal-membri tagħna, m'għandna u qatt ma kellna xejn personali kontrih. Minn qalbna nawgurawlu fejqan ta' malajr. Il-Korp ma setax jibqa' jimxi waħdu.

Kif tafu, dan l-aħħar kellna l-ħatra tal-Aġent Kummissarju Lawrence Cutajar fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Ħatra li tat x'tifhem illi ser ikun hemm persuna li ser tagħti widen lill-*Unions* tal-Pulizija. Madanakollu tajjeb wieħed jissottometti li l-ewwel deċiżjoni tal-Aġent Kummissarju kienet fil-fatt illi jlaqqa' għall-ewwel darba ż-żewġ *Unions* li jirrappreżentaw lill-Pulizija mill-grad ta' kuntistabbli sal-ogħla uffiċjali fil-Korp. Il-laqgħa saret nhar l-4 ta' Mejju 2016 għall-ewwel darba minn meta ngħatajna d-dritt li nsiru *Unions*. Tajjeb illi wieħed jirrimarka li s-Sur Cutajar mill-ewwel irrikonoxxa li n-nuqqas ta' għaqda fil-Korp ma tgħinx sabiex jgħolli l-moral fil-Korp. Fil-fatt fi kliemu stess, waqt din il-laqgħa sostna li hu lest illi jisma' u jaħdem id f'id mal-*Unions* tal-Pulizija għall-interessi u l-ġid komuni tal-membri tal-Korp. Min-naħa tal-MPA wrejna biċ-ċar illi aħna lesti li fejn hemm interessi komuni bejn iż-żewġ *Unions* għall-ġid tal-Pulizija naħdmu flimkien. Wieħed irid jifhem illi ser ikun hemm diverġenzi u nuqqas ta' qbil pero b'rieda tajba u determinazzjoni għandna naslu. L-Aġent Kummissarju ma tantx ħela ħin għax kif bdejna nitkellmu mill-ewwel saqsiena jekk hemmx xi punti li kemm l-MPA u

l-POU-GWU jaqblu fuqhom. Fil-fatt bi qbil unanimu ssemmew ix-xiftijiet tal-uffiċini kif ukoll ix-xift tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni li huma assenjati ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Għall-ewwel darba saret talba konġunta bejn iż-żewġ *Unions* iffirmata miż-żewġ presidenti rispettivi tagħhom; is-Sur Malcolm Bondin għall-MPA u s-Sur Sandro Camilleri għall-POU-GWU. Ta' min ifaħħar illi dawn iż-żewġ talbiet ġew mill-ewwel milqugħa mis-Sur Lawrence Cutajar u ta' dan nirringrazzjawh għax b'din il-mossa il-Korp tal-Pulizija ħa nifs kbir li jgħin sabiex jgħolli l-moral tal-Pulizija.

Aktar minn hekk, qed isir eżerċizzju mill-MPA sabiex bħalma ġew mibdula l-ħinijiet tal-uffiċini kif ukoll ix-xift tal-Immigrazzjoni (Fl-Ajruport), jiġu rranġati x-xiftijiet kollha fil-Korp sa mill-inqas grad għall-għola grad fi ħdan il-Korp sabiex għallinqas fl-aħħar nistgħu ngħidu li qed ngħixu u mhux neżistu. Iżda wieħed għandu japprezza li fejn jidħlu sezzjonijiet jew distretti, minħabba l-kumplessità u d-daqs tagħhom, dan l-eżerċizzju jieħu aktar fit-tul. Dan peress li jrid jintlaħaq qbil bejn il-partijiet ikkonċernati.

http://www.mpa.org.mt

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Jum il-Pu

## Mitejn u Sentejn Anniversarj

### Il-Ħadd 3 ta' Lulju, 2016

9:00am - Quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.
Wara servizz fuq l-oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

### It-Tnejn 4 ta' Lulju, 2016

10:00am - Il-Belt Valletta

Marċ matul Triq ir-Repubblika u wirja mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija f'Misraħ il-Ħelsien

Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġt iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-traffiku / rikkieb

Esebizzjoni fil-Bini tal-Parlament ta' uniformijiet antiki
u xi tagħmir antik li kienu jużaw il-Pulizija fiż-żminijiet l-imgħoddija

Wirja ta' vetturi antiki u moderni li jintużaw mill-Pulizija fi Pjazza Ħelsien man-naħa tat-Teatru Rjali

Dokumentarju qasir dwar l-Istorja tal-Korp tal-Pulizija u Konferenza Stampa dwar il-Ġimgħa tal-Pulizija

7:30pm – 9:30pm - Vilhena Hall - Riċeviment għall-membri tal-Korp u Penzjonanti

### It-Tlieta 5 ta' Lulju, 2016

8:30pm - B'Buġia

Marċ matul Triq il-Bajja s-Sabiħa u Kunċert Mużikali f'Misraħ is-Summit

Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġt iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-Traffiku / rikkieb

### L-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2016

7:30pm – 9:30pm - Vilhena Hall

Riċeviment għall-membri tal-Korp u Penzjonanti

### Il-Ħamis 7 ta' Lulju, 2016

8:30pm - Marsaskala

Marċ matul Triq ix-Xatt u Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija fi Pjazza Mifsud Bonniċi

Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġt iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-Traffiku / rikkieb

# ulizija 2016

## u mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

### Il-Ġimgħa 8 ta' Lulju, 2016
8:30pm - Tas-Sliema

Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija fi Triq it-Torri

### Is-Sibt 9 ta' Lulju, 2016
8:30pm - Buġibba

Marċ matul *Islet Promenade* u Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija f'Misraħ il-Bajja

Wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġt iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż- żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-Traffiku / rikkieb

### It-Tlieta 12 ta' Lulju, 2016
8:30am - JUM IL-PULIZIJA

Gwardja tal-Unur f'Misraħ San Ġwann

Daqq tal-Innu Nazzjonali

9:00am - Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, Valletta

8:00pm - Barrakka t'Isfel

Riċeviment għall-fizzjali u l-mistednin tal-Korp bis-sehem tal-Grupp Mużikali tal-Korp tal-Pulizija

### L-Erbgħa 13 ta' Lulju, 2016
6:00pm - Għawdex

Quddiesa għall-Pulizija Għawdxin / Penzjonanti
fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, ġewwa x-Xewkija, Għawdex

Servizz fuq l-oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' fjuri

7:30pm - Marsalforn

Marċ matul Triq Mikielang Refalo u Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Pulizija fil-Menqa

Wirja mill-*Precision Drill Team* u mit-Taqsima tal-Klieb

Preżenti: Żewġt iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-traffiku / rikkieb

Riċeviment għall-Pulizija Għawdxin / Penzjonanti ġewwa l-Għassa r-Rabat, Għawdex

# 124 immigrant irripatrijat fi 12-il xahar

mill-Ispettur Darren Buhagiar – Immigrazzjoni

Bejn l-1 ta' Lulju 2014 u t-30 ta' Ġunju 2015, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta rripatrija total ta' 124 immigrant fuq titjiriet differenti permezz ta' fondi mill-Fond Ewropew għar-Ritorn 2013-2016. Din kienet żieda sinifikanti fuq it-52 immigrant irripatrijati, parti minn proġett preċedenti kofinanzjat taħt il-Programm Annwali tal-Fond Ewropew għar-Ritorn 2012. Din iż-żieda fin-numri hija r-riżultat dirett tal-isforz kbir li sar mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni.

Il-Fond Ewropew għar-Ritorn speċifikament jistabilixxi mekkaniżmu ta' għajnuna finanzjarja li tkompli tgħin lill-Istati Membri sabiex itejbu l-immaniġġjar tar-ritorn fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Meta l-immigranti jagħżlu li ma jirritornawx lura f'pajjiżhom b'mod volontarju, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni hija obbligata bil-liġi li tneħħi l-immigranti irregolari. Il-Pulizija ta' Malta bbenefikat mill-Fond Ewropew għar-Ritorn sabiex tkopri l-ispejjeż relatati mar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn f'Malta, inkluż dawk li t-talba tagħhom għall-ażil ma tintlaqax.

It-tipi differenti ta' nfiq eliġibbli għall-finanzjament kienu jinkludu l-iktar il-biljetti tal-ajru kemm għall-persuni rripatrijati kif ukoll għall-uffiċjali ta' skorta, jekk meħtieġ.

Wara l-għeluq tal-proġett RF2013-06, il-Pulizija ta' Malta diġà għamlet is-sottomissjonijiet tagħha għal proġetti simili li se jsiru f'dawk li huma Ażil, Immigrazzjoni u Fond ta' Integrazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

darren.buhagiar@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Markiż Vincenzo Bugeja

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali



***I**kompli mal-artiklu preċedenti bit-titlu 'Minn Konservatorju għal ieħor' dwar l-istorja ta' meta l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ġie ordnat mill-Qorti sabiex joħroġ mill-Konservatorju Vincenzo Bugeja fi Fluer De Lys u temporanjament, kif suppost kellu jkun, sab jilqgħu l-Konservatorju tal-Furjana, fiż-żmien li kien qiegħed iżarma minn Sptar Ċentrali.*

Kif rajtu fl-artiklu b'mod prominenti ssemma' wieħed mill-akbar benefatturi tal-Maltin tas-seklu dsatax; li kien ukoll jirrappreżenta waħda mill-familji tan-Nobbiltà Maltija; il-*blue blood families* ta' dawk iż-żminijiet.

Għalhekk bħalma soltu nagħmel f'xi artikli, ser nagħti ftit tagħrif dwar dan il-persunaġġ importanti.

Il-Markiż Vincenzo Bugeja twieled il-Belt fis-16 ta' Frar 1821. Bħala professjoni kien negozjant. Bejn b'dak li kien għadda għandu u wiret mingħand missieru, mal-investimenti għaqlin li kien irnexxielu jagħmel, kattar u kabbar il-ġid li kellu għal bosta drabi. Barra dan, il-fortuna għenitu wkoll permezz tal-logħob tal-azzard fil-Casinò ta' Monte Carlo u f'postijiet oħra viċin, li kien tah daqqa t'id sewwa sabiex kompla jkabbar il-ġid li kellu. Saħansitra jingħad li kien falla Bank f'Baden, fl-Iżvizzera. Minħabba din il-kapaċità li kellu megħjun ukoll xi ftit mill-fortuna, f'dawn il-pajjiżi fejn kien imur jilgħab, hu kien magħruf bħala *The Maltese Matador.* Minn dan il-laqam li ngħata u meta tqisu f'liema kuntest ta' żmien, wieħed jista' jifhem aktar il-kwalità tal-karattru u l-istamina li kellu. Min-naħa l-oħra, f'ħajtu hu kien il-bniedem ġeneruż. Mill-ġid li akkumula kif għedna, ta ammonti kbar ta' flus f'karità lill-foqra, nies fil-bżonn u f'każi oħra ta' mard. Ma' dawn ta s-somma ta' 40,000 lira sterlina sabiex jinbena konservatorju għal orfni bniet. Orfanatrofju li kien jitmexxa mis-Sorijiet tal-Karità, li kien infetaħ uffiċjalment f'Mejju tal-1880. Kien ħalla wkoll 500,000 frank Franċiż f'għajnuna għal dawk l-irġiel li xtaqu jemigraw u jsibu fortuna 'l barra minn xtutna.

Għal din il-ġenerożità u benefiċjenza kbira tiegħu lejn dawk fil-bżonn u l-aktar batuti, il-Papa Ljun XIII kien tah it-titlu ta' Markiż. Kien ingħata wkoll titlu ta' kavallier mill-Prinċep Dwardu ta' Wales f'waqfa li kellu f'Malta, waqt ir-ritorn tiegħu mill-Indja. B'hekk kien sar ukoll kumpann f'wieħed mill-aktar ordnijiet prestiġjużi tad-dinastija Ingliża -- *Knight of the Garter*. Serva wkoll fil-politika lejn it-tielet kwart tas-seklu dsatax, bħala membru tal-Kunsill tal-Gvern; fejn kien responsabbli minn diversi emendi fil-liġi kriminali u dawk kummerċjali. Fil-ħajja politika tiegħu ġab ħafna riformi f'diversi setturi favur is-soċjetà Maltija inġenerali. Hu kien miżżewweġ lil Anna Borbies, u għalkemm ma kellhomx tfal, hi ukoll iddedikat ġidha u ħajjitha sabiex tgħin lil dawk inqas ixxurtjati minnhom fil-ħajja. Fil-fatt, fost ħafna atti karitattivi u benefiċjarji, il-Markiża Anna Buġeja tibqa' msemmija bħala l-benefattriċi għall-bini tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, fl-1900; li riedet hi stess li tiġi ddedikata lil Sidtna Marija Addolorata – mal-knisja wkoll il-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali, li bis-saħħa ta' din il-knisja mibnija minnha, l-ordni ta' dawn il-patrijiet saret ukoll provinċja għaliha f'Malta.

joseph.q.borg@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Mal-Passi tal-Korp

minn Charles B. Spiteri

Siltiet minn intervisti mal-eks Surġent George Muscat minn Ħad-Dingli
*Il-ġurnalist Charles B. Spiteri kien għamel dawk l-intervisti lil George Muscat fl-2001.*

## L-Ewwel Gwerra Dinija

"Ftit żmien qabel il-gwerra ma kinux jaħsbu li fil-gwerer jintefgħu l-bombi mill-ajru fuq kulħadd. L-aktar li kienu jibżgħu kienu mill-*mustard gas* u fl-Għassa tar-Rabat kien hemm pulizija (Legden) li kien intlaqat b'dan il-gass fl-Ewwel Gwerra 1914 – 1918.



Biex iħarrġuna għal din il-ħaġa kienu tawna l-maskri tal-gass u l-kmamar fejn norqdu, konna ngħalquhom b'tali mod li ma tidħolx arja, lanqas mill-ventilatur. Dan għax meta fit-3 ta' Settembru tal-1939 Chamnberlain iddikjara l-gwerra mal-Ġermanja, ma kinux għadhom ħasbu għax-xelters.

Imbagħad f'Ġunju tal-1940, Mussolini sieħeb lil Hitler u l-għada, fis-sebgħa u xi ħames minuti, jien kont Surġent l-Għassa ta' Tas-Sliema u rċievejt telefonata biex indoqq is-sirena li kienet fuq il-bejt tal-Għassa, għax kien riesaq attakk mill-ajru. Wara ftit daħlu t-Taljani u tefgħu l-bombi.

Fit-tieni ġurnata ntefgħu xi bombi fuq id-djar ta' Strada San Carlu, Tas-Sliema u billi ma kienx għad hawn xelters, ħadna lin-nies l-Għassa u fosthom, kif qaltli hi stess, li kien għad għandha xi tmien snin, kien hemm Mary, il-mara tal-Prim Ministru Eddie Fenech Adami.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Addijo programm ta' fejn se jmorru n-nies, għax kulħadd beda ħiereġ minn daru u jfittex fejn seta' jistkenn. Saru liġijiet li lill-pulizija ħallewlha l-poter fuq l-art biss. Ma kellha x'taqsam xejn max-xtut, għax is-sigurtà ta' dawn ingħataw lis-suldati u l-baħrin. B'hekk, il-pulizija ma konniex intitolati għall-medalji.

Aktar tard bdew jitħaffru x-xelterx u jien u pulizija minn Ħad-Dingli (C. Azzopardi), bdejna nħaffru xelter fil-bitħa tal-Għassa ta' Tas-Sliema, li serva ta' ġid kbir, għax kien jilqa' lil kulħadd.

Biex l-affarijiet isiru sewwa, min kien irid iħaffer xelter fid-dar kien irid il-permess. Billi fix-xelters pubbliċi bdew joqogħdu l-ħin kollu, kellna l-ordni li wara kull *air raid* nispezzjonawhom u nkeċċu lil dawk li jibqgħu hemm.

Darba konna keċċejna wieħed xiħ u fil-ħin daqq attakk mill-ajru. Erġajna għajjatnielu biex jidħol. Kien hemm min ħaffer kamra privata fix-xelters pubbliċi u għalhekk konna nissejħu biex nirregolawlhom kif joqogħdu u jħallu l-wisa' għal ħaddieħor. Ħa nirrakkuntalek praspura: Ftit qabel il-gwerra kienu twaħħlu *telephone boxes* madwar Tas-Sliema u l-ibgħad waħda kienet l-Imsieraħ. Dawn kienu diretti mal-Għassa ta' Tas-Sliema u kien hemm waħda lejn it-Torri ta' Tas-Sliema.

Intant, darba minnhom, meta kont Surġent tal-għassa, bil-lejl u f'ħin minnhom, irċievejna ċirkulari, li wieħed minn Ħal Għargħur naqsu l-ħmar mill-istalla. Ftit wara ċempel il-pulizija tal-*beat* mill-kaxxa ta' ħdejn it-Torri u qal li fid-dlam ra ħmar għeri sejjer lejn ix-Chalet.

Ma għaddiex wisq żmien li rċievejt messaġġ mis-suldati ta' Tiġnè li għandhom ħmar.

Issa ġara li billi konna nistennew xi invażjoni, is-suldat tal-għassa, meta sema' t-taħbit tas-saqajn tal-ħmar u fid-dlam ħasbu l-għadu, iffirmah u meta ra l-widnejn tal-ħmar beża' u daħal 'il ġewwa. Wara sibna li l-ħmar kien ħareġ mill-istalla u mar Tiġnè, għax mal-ġurnata, sidu kien imur ibiegħ il-ħaxix lill-familji tas-suldati.

Darb'oħra l-istess, kont *Station sergeant.* Miegħi kelli lil dak li kien għassa mas-sirena. Wara nofsillejl daħal fuqna suldat tal-*Air Force* jheddidna bir-*revolver*, nofsu fis-sakra. B'mod jew ieħor, issuperajnieh u ħadnielu r-*revolver* tas-servizz.

Fil-*Balluta Buildings* kien hemm il-pulizija tal-*Air Force*. Ċempilnielhom u ġew ħaduh. Irriżulta li dan sabhom aljenati, ħadilhom *revolver* u fil-*blackout* ra d-dawl fl-Għassa ġie hemm."

magazine.police@gov.mt

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I WISH TO THANK THE DRUG SQUAD POLICE FOR THEIR VALUABLE JOB DONE LAST SATURDAY IN P VILLE, STOPPING A GUY TRYING TO SELL DRUGS TO YOUNGSTERS, YOU DID A SUPERB JOB, GOD BLESS YOU ALL

Comments: I would like to express my sincere thanks to Pc 931 and Pc 54 from Zabbar Police Station, for assisting two elderly ladies (my aunt and grandma) who found themselves in a difficult situation and urgently needed help last Friday. Their altruistic deed and precious help is greatly appreciated. Heartfelt thanks.

Nixtieq nijdt grazzi lil pulizija tat traffic li il birah xi l ghaxra ta flaxija waqaf waqt li kont mahbut ma karozza ohra u baqa emm sakemm gi missiri biex ibutajna il bumber biex inkun nista insuq u li ena ukoll nibutaw bumber grazzi ta kollox

Ghaziz Kummissarju

Grazzi lill-pulizija li kienu on duty il-bierah filghaxija il-Garden of Eden goz-Zurrieq jiehdu hsieb lit-tfal taghna. Saru ghasra fix-xita u baqghu hemm jahdmu u jidderiegu t-traffiku.

Grazzi talli tiehdu hsieb lil uliedna.

inspire
THE FOUNDATION FOR INCLUSION

(The Eden and Razzett Foundation)
BLB801, Bulebel, Zejtun, ZTN3000, M
www.inspire.org.mt
t:(+356) 21890000
f:(+356) 2180 7708
VO/0199

1st September 2015

Police General Head Quarters

Dear Sen. Inspector Kenneth Haber,

On behalf of all of us at Inspire, I would like to thank you once again for your kind cooperation and for showing your support and generosity towards our Foundation.

The funds raised through "The Water Balloon Fight" held on Sunday 30th August at the Floriana Grounds, are necessary to continue to develop our facilities and enlarge our capacity to provide quality therapeutic, educational and recreational services to persons with a disability. The children and adults we help depend on us to ensure that there is help and support at hand to assist them in their day to day lives.

Inspire still relies on people's donations in order for it to offer its services for free or at a low price. Without such a system, many of its clients would not be able to afford such beneficial treatments.

Through the continued help from valued organizations or people like you, our charity would not be able to fully achieve all its worthwhile aims.

I thank you once again, wishing you all the best,

Best Regards,

*Giovanna Mirabile Bartolo MIA ACCA*
*Commercial & Business Units Manager*
*Inspire, The Foundation for Inclusion*

I would like to write a special note of appreciation for the police officers who yesterday were working late at night at Zurrieq (KSJC Ball). You do work which goes unnoticed but so important. Thank you for taking care of our children. God bless you.

Very well served by the malta police - msida branch.

Called them to see who can remove a black skip that was literally in the middle of the road, with cars braking upon encounter, expecting an accident the darker it gets.

(None of the drivers bothered to put in place, on the pavement but swirved around it and kept driving).

A police officer came and put it back in place in less than 15mins and road is safe again.

Publicly I would like to thank Ms Louise (PC280), who was in charge of the The Malta Police Force Facebook page this morning, for her assistance. She's very cordial, caring and helpful. We need more police officers like her!
This morning I couldn't get through Sliema Police Station, and facebook once again was the ultimate solution!

I know we aren't supposed to write about our experiences with the public service but I hope my post will be allowed as it involves praise 😑 Wanted to say a big thank you to WPC 344 at the St Julian's Police Station in Spinola. A super lovely, enthusiastic and helpful young lady! Keep it up! I hope that nothing you come across in the course of your career will not jade you enough to change your positively solar attitude! Well done and good luck! Oh, and if you read this, another virtual thank you for the patience which helping me out certainly took! Till we meet again (hopefully in better circumstances 🙂)

***Embassy of the United States of America***
***Valletta***

November 12, 2015

Commissioner of Police
Police Headquarters
Floriana

Dear Commissioner

I wish to thank you once again for the work performed by the Police Officers assigned to ensure the safety of the members or our Maltese and American community and guests during the Marine Corps Birthday Ball event.

The police officer conducting the EOD sweep of the venue and the district police officers on duty for the Marine Ball on Saturday, November 8, 2015 were valued by Ambassador Gina Abercrombie-Winstanley, the Embassy Marine Security Guard Detachment and the Regional Security Office.

You have our sincere thanks for the professionalism and dedication in the performance of their duty of the personnel listed below.

PC588 Peter Paul Camilleri – Dog Section
PC407 Kenneth Scicluna - St Julian's Police Station
PC1346 Stephen Cardona - St Julian's Police Station

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# X'għandna xi ngħidu

*Malta Police Sports Committee*

*Malta Employee Sports Association* - MESA

Iż-żmien jiġri u ma jistenna lil ħadd u hekk jista' jingħad fuq l-istaġun tal-futbol li ħadu sehem fih iż-żewġ timijiet prinċipali tal-Korp tal-Pulizija.

Meta wieħed jagħmel riflessjoni lura lejn l-istaġun, wieħed irid jgħid li dan kien wieħed minn fost l-aħjar staġuni. Mhux biss għax kif ser naraw aktar 'il quddiem iż-żewġ timijiet marru tajjeb, imma konna naqra aħjar fl-organizzazzjoni għalkemm għad baqa' x'wieħed jirranġa – dejjem hemm lok li jista' jsir aħjar u/jew dak li jkun sar isir tajjeb, jitjieb għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Fil-kompetizzjoni tal-*Malta Football Employee Sports Association* magħruf fil-qosor bħala MESA nistgħu ngħidu li kellna staġun tajjeb. Dan jidher speċifikament fil-futbol fejn kif kien maħsub it-TIM A reġa' rritorna mat-timijiet l-oħra prinċipali jiġifieri t-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni wara li rebaħ it-Tieni Diviżjoni mingħajr telfa. Imma l-unika



żewġ punti li falla t-TIM A kien propju fid-*derby* kontra t-TIM B fejn il-logħba spiċċat fi draw ta' mingħajr gowls.

Għalhekk, wara nuqqas ta' sentejn, fl-istaġun li jmiss, it-TIM A jerġa' jilgħab fl-ogħla diviżjoni fejn kien minn dejjem, id-diviżjoni li kkompeta fiha fis-snin l-imgħoddija. Min-naħa l-oħra, it-TIM B kellu staġun tajjeb ħafna għalkemm spiċċa t-tielet post fit-Tieni Diviżjoni. Hemm lok ta' titjib sabiex fl-istaġun li ġej tkun il-mira li jikseb il-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni.



Aktar 'il quddiem, lejn l-aħħar tal-istaġun saret bħas-snin ta' qabel, in-*Knock Out*. Fil-fażi tan-*Knock Out* kien hemm xejra oħra. Dan għaliex TIM B spiċċa nqala' min-*Knock Out* fil-kwarti finali ta' din il-kompetizzjoni meta ltaqa' mat-Tim tal-BOV A permezz tal-għoti tal-*penalties*. Huwa fatt li deher sew waqt il-logħba, li din kienet logħba ferm ibbilanċjata sal-aħħar sekondi. Tant hu hekk li TIM B kiseb id-*draw* fl-aħħar ħames minuti tal-partita u ftit wara mar fil-viċin li jmur minn fuq imma l-logħba spiċċat fi *draw* ta' wieħed b'wieħed. Meta ngħataw il-*penalties* il-BOV A rebħu b'riżultat ta' 4-1. Ta' min jgħid li t-TIM BOV A spiċċa l-istaġun fil-klassifika tal-Ewwel Diviżjoni fit-tielet u b'diversi plejers jilagħbu fil-Premjer Malti.

Min-naħa l-oħra, TIM A nqalgħu fl-ewwel rawnd tan-*Knock Out* għax wara li rebħu 3-0 fuq it-TIM tal-*Commissioner for Revenue*, dawn tal-aħħar fetħu protest għax kien hemm plejer li mhux suppost lagħab. Meta deher u ddiskuta l-protest, il-Bord tad-Dixxiplina skwalifika lit-TIM A mill-kompetizzjoni u postu fir-rawnd li kien imiss ittieħed mit-TIM imsemmi qabel.

Il-Klassifika Ġenerali tat-**Tieni Diviżjoni** spiċċat hekk kif ġej:-

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pulizija A | 8 | 7 | 1 | 0 | 30 | 2 | 22 |
| Mater Dei A | 8 | 7 | 0 | 1 | 33 | 7 | 21 |
| Pulizija B | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 | 13 | 14 |
| PPCD (MEAIM) | 8 | 4 | 1 | 3 | 20 | 22 | 13 |
| Air Malta | 8 | 3 | 1 | 4 | 15 | 17 | 10 |
| Transport Malta | 8 | 2 | 3 | 3 | 11 | 19 | 9 |
| Customs | 8 | 2 | 0 | 6 | 14 | 20 | 6 |
| CCF | 7 | 1 | 1 | 5 | 5 | 21 | 4 |
| Central Bank | 7 | 0 | 1 | 6 | 5 | 26 | 1 |

***Konsiderazzjonijiet ġenerali juru li t-TIM Pulizija A huma r-rebbieħa tat-Tieni Diviżjoni li flimkien mat-TIM ta' Mater Dei A ġew promossi għall-Ewwel Diviżjoni. Ta' min isemmi li t-TIM tas-Central Bank ġew relegati.***

## Attivitajiet Sportivi – parteċipazzjoni ta' timijiet barranin

Fix-xahar ta' April 2016 kellna żewġ okkażjonijiet fejn it-TIM tal-PULIZIJA lagħab kontra timijiet barranin.

Fl-ewwel logħba, it-TIM tal-PULIZIJA lagħab ma' grupp ta' rekluti mill-Akkademja tal-Pulizija tal-Bavarja, il-Ġermanja f'atmosfera sportiva għall-aħħar. Wieħed jista' jgħid li t-TIM tal-PULIZIJA f'ħafna mill-ħinijiet kien superjuri u fil-fatt il-logħba spiċċat bl-iskor ta' 5-0 favur it-TIM tal-PULIZIJA.

Jumejn wara din il-logħba, kif sar fis-snin/xhur ta' qabel, ġie organizzat f'Malta it-*Triangolare* bejn TIM mill-Poste Italiane, TIM mill-Berretti ta' Siracusa u t-TIM tal-PULIZIJA ta' Malta. Dan it-turnament *Triangolare* kien wieħed interessanti u kumbattut. Imma bi pjaċir ngħid li dan ġie mirbuħ mit-TIM tal-PULIZIJA.



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

*Malta Employee Sports Association*
– kompetizzjoni/turnament tat-*Table Tennis* u tiġrija ta' ħames (5) kilometri.

### *Table Tennis:-*

Fix-xahar ta' Mejju 2016, fost ħafna turnaments organizzati mill-MESA, membri mill-Korp tal-PULIZIJA ħadu sehem b'ħames kompetituri fit-turnament indikat jiġifieri tat-*Table Tennis*. Barra li l-Kumitat Sportiv jirringrazzja lil membri li ħadu sehem f'dan it-turnament, ir-riżultati miksuba kienu sodisfaċenti ħafna u l-Kumitat



jawgura li f'kompetizzjonijiet futuri u simili jkun hemm aktar membri li jieħdu sehem. Ta' min jinnota li PS 185 Roger Frank MIFSUD tilef fil-finali meta fis-semi finali għeleb lil PS 135 Joseph BUHAGIAR. Il-parteċipanti l-oħra kienu PC 1352 Ishmael BUHAGIAR, PC 722 Charles VELLA u PC 1081 Jonathan FARRUGIA li dawn il-membri kollha nqalgħu fil-Kwarti Finali.

### Tiġrija ta' ħames (5) kilometri:-

Kien hemm ukoll il-5K li saret f'Ħal Kirkop fejn għat-tielet sena konsekuttiva, ir-rebbieħ kien PC 376 Andrew Grech. Ħadu sehem ukoll membri oħra tal-Korp tal-Pulizija li kienu PC 37 David Bezzina, PC 425 Michael Cilia La Corte u PC 895 Joseph Scicluna li lkoll ġabu ħinijiet tajbin.

Ix-xewqa tal-MPSC hi li kemm jista' jkun membri tal-Korp tal-Pulizija jipparteċipaw f'turnaments kollha li l-MESA torganizza, iżda dan irid jiġi minnkom il-membri li turu x-xewqa u motivazzjoni.

### Kummenti Ġenerali

Xi ħaġa oħra li l-Kumitat Sportiv iġib għall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija huwa fuq il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi organizzati mill-Kumitat Sportiv. Il-parteċipazzjoni hija waħda ta' sodisfazzjon imma żgur tista' tkun aħjar u aktar inkoraġġanti.

Irridu nġibu għall-attenzjoni ta' kulħadd li kien hemm diskussjonijiet mal-eks-Kummissarju tal-Pulizija u sussegwentament mal-Aġent Kummissarju Laurence Cutajar sabiex l-*Other Ranks Canteen Games Room* tkun waħda mmodernizzata u dawn id-diskussjonijiet kienu pożittivi u hemm rieda tajba minn kullħadd speċjalment biex jinstabu l-fondi. Aġġornamenti fuq dak li preżentement qiegħed isir, jingħataw fil-ħarġiet sussegwenti.

mpsc.police@gov.mt

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I would like to publicly thank the Victoria police and civil protection in Gozo for their immediate and professional response to a report of a slightly injured elderly woman being locked in her house

Dear Inspector Camilleri,

I would like to express my gratitude for the work with dedication you carried out in order for the person who burgled the Pieta' Primary School for three times be brought to Court and even sentenced.

Pieta Primary is one of the eight primary schools in my College and I can assure you that your commitment has reintroduced that much needed sense of security in schools.

Could you please forward my appreciation to WPS Donna. Sincere apologies for not being able to remember her surname or number. Her sense of diligence and leadership together with that of the other officers who accompanied her to school was second to none.

I called the police station in Valletta and PC 1134 was a real star – he was empathetic and guided me what I needed to do. His attitude really helped and made a difference.
The next day (Saturday morning) I went to the Valletta Police Station to make my report – PC610 was on duty and told me that PC1134 was out but he would help. He was as sweet and nice and professional as PC1134 had been on the phone. There was also WPS217 who was seeing to somebody else and again she was polite, very professional with no-nonsense attitude but not threatening... The whole atmosphere was professional with a human attitude. Prosit, it really is a credit to you and to the people themselves – please pass on this message as enough people complain about everything.

11th January, 2016

The Commissioner of Police.

Police Head Quarters,

Floriana.

Dear Sir,

**Subject: Letter of appreciation.**

This morning whilst on Labour Road waiting for the traffic lights to change a Land Rover Freelander crashed into me.

It should have been a straight forward case but unfortunately it was not as the driver became very agitated and his attitude attracted PC 589 who was driving by. His approach was very professional, polite and directly or indirectly gave me a sense of security.

Unfortunately, the driver continued with his attitude, non cooperation and at this stage it became evident that he was under the influence of alcohol. PC 589 requested backup and also for a breathalyser test to be carried out. This I believe was carried out by PS 290 in the presence of PS 135, PC 375 and PC 214 who also arrived on the scene. The driver was found to be way above the legal limit, three fold.

Once again I wish to stress that all the police officers who came to the scene of the accident acted professionally, did their duty in a very polite manner and refused to be intimidated as the driver continued with his attitude.

I believe they will be submitting a report and this might lead that the driver be taken to court and I have no problem to appear as a witness.

Concluding, I would appreciate if you could forward my appreciation to all officers involved for their dedication, professionalism and the protection they had given me throughout this ordeal. Without their involvement I am sure I would have ended up badly. I would also appreciate (if possible) that they will be commended for their duty and noted in their personal records.

Dear Ms Fabri,

I wish to thank you, Ms Bartolo, and the entire personnel within the Community and Media Relations Unit, for your assistance, patience and for providing me with the requested information.

On behalf of San Gorg Preca College Marsa Primary, my colleague Anne Julene Hili and myself we would like to thank WPS 101 R Grima, WPC 25 Charlene Cilia and PC 256 Kurt Bugeja Coster for participating during Wednesday's 'People who help us' activity.

Students really enjoyed and appreciated spending some time and interacting with the police. We believe that we it was a very fruitful activity, and students learnt a lot while having fun.

Nixtieq nuri l apprezament tieghi u tal kumplament tal familja tieghi lil kuntistabbli Paul Abdilla stazzjonat gewwa il Parlament tal Belt fejn illum stess il mara tieghi kellha MVA gewwa Birzebbuga u hu li ma kienx xoghol mar jassisti liz zewg nahat, ra li kollox sew minhabba li l mara tieghi kienet taht xokk u kellha 2 itfal maghha, cempel lil wardens u baqa hemm sa kemm xi kollox settled. Nghidlu Prosit u iktar u iktar Grazzi.

Dear Commissioner,

Yesterday evening (Friday 11th) I together with my wife were helping an old lady. She had been robbed of cash.

Two of your officers attended to take a statement and I was most impressed as to the way they conducted the interview with the old lady. They were gentle and understanding and gave us a feeling of confidence.
The officers were 949 who conducted the interview and 1573. A credit to your Force. If they are an example of your officers, Malta is in good hands.

Comments: I WOULD LIKE TO COMMEND THE EFFICIENT POLICE WORK OF OFFICER WPs 7 and PC 12461 CECIL ST JOHN BIRZEBBUGIA POLICE. THEY ACTED FAST AND WITH ADMIRABLE PRECISION TO SOLVE MY PROBLEM WITH MY CREDIT CARDS. UNAUTHORISED USE. I ALSO MUST COMMENT ABOUT THE CARE THAT ALL OTHER POLICE OFFICERS TOOK ABOUT MY CASE, COMING TO THE HOTEL TO SEE ME AND GOING TO THE PREMISES OF THE STORE WHERE THE CARDS WERE USED. I THINK THE MALTESE POLICE FORCE IS A GOOD EXAMPLE FOR THE OTHER EU POLICE FORCES AND ALSO IN THE USA.

Insp Caruana

With reference to forensic inspection being carried out on my son's vehicle in subject caption I would like to extend our appreciation for the good service been given by some of your officers we came across.

In the morning of 4th February I met two male officers who guided me for investigations to be carried out.

Later on that same day, on a cold, windy evening, another two officers, one being a male and another being a lady with curly hair carried out the actual inspection on the vehicle.

They all carried out their job diligently and in a very well-mannered way.

Please pass on our praise and appreciation for their commitment to their duties.

Last but not least we would like to thank you for your good guidance in the matter.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Myron Chetcuti
6 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Would like to thank the QAWRA Police Station for the quick and efficient response when I called them this after noon to report a Kitten that was in a car engine, within 10 min they called me back and the owner was on his way to help once again THANK YOU AND GOD BLESS YOU ALL.

---

Ghaziz Sur Mifsud,

Nixtieq nirringrazzjak ghal ghajnuna li sibna minghandek u minghand il-pulizija tad-distrett tieghek biex stajna norganizzaw il-Via Crucis Nazzjonali li tmexxiet ilbierah fil-Kottonera minn Mons Arcisqof Charles J. Scicluna.

---

Dear Sir,

Good afternoon,

I would like to offer my thanks and gratitude to WPC63 and PC 1258 for the quick response and the way they handled the situation very professionally during the middle of the night to check the tenant unknown to the general public who climbed a steel gate from the ground floor to the first floor apartment because the tenant forgot his keys inside the flat.

I am greatly appreciative of everything they did as the Tenant could have been an intruder.

---

The Commissioner of Police
Police General Headquarters
San kalcidonju Square
Floriana

10th January 2016

Dear Sir,

Please convey our thanks to the Officer in Charge, PC 143 Stephen Grech, together with his collaborators WPC 95, Tanya Azzopardi & PC 1252, Keith Livori for their alertness and expedience.

Yesterday evening, a group of youngsters vandalized two sign boards of our restaurant, situated next to the Houses of Parliament. Thanks to their immediate intervention, the youngsters were stopped from making further damages and were made to pay for the damages done.

Once again thanks & well done

Yours Sincerely

Mario Fenech
Director

c.c. Mr Speaker, The Hon Angelo Farrugia MP

---

Inspector Bonello,

With this short note, we would like to thank PS 3 Kevin Grima who was on extra-duty at our Fleur de Lys branch today for handling a difficult client.

His intervention was spot on. Since the client stated that he will file a report about this incident, we will hold the CCTV footage.

Regards,

---

Liberté • Égalité • Fraternité
RÉPUBLIQUE FRANÇAISE

AMBASSADE DE FRANCE
À MALTE

N°200476 March 10th 2016

Dear Inspector Zammit,

On March 6th, 2016, you were contacted about the worrying disappearance of a French national,

That very same day, you began intensive researches and managed to find this person the day after, and in the meantime to provide his family and us with all useful information.

I would like to offer my warmest thanks for your efficient action, in this delicate situation.

Yours sincerely,

Béatrice LE FRAPER DU HELLEN
Ambassador of France in Malta

---

FONDAZZJONI ARKA

18 ta' Jannar 2016,

Għaziz Kummisarju

L-ewwel ħaġa prosit tal-party li għamilt lil pulizija fis-sala ta' Dar Arka, fit- 8 ta' Jannar 2016, l-ikel zejjed li kien baqa ħallewh għal kċina tad-dar u qassamnieh lir-residenti tagħna.

Nixtieq ninfrmak ukoll li l-ġabra li saret dak in-nhar kienet ta' 310 ewro, grazzi . Ninfurmak ukoll li l-Ħadd 17 ta' Jannar, wara l-quddiesa li saret ġewwa l-għassa tar-Rabat Għawdex ipprezentawli s-somma ta' 162 ewro li ħarġu xi pulizija biex imorru għal ikla li organizzaw bejniethom, izda ma marrux għaliha.

Grazzi ta' kollox u nwgħedukom t-talb tagħna

Dun Manwel Curmi

Chaplin tal- Pulizija Għawdex.

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Segretary General

## 20th Anniversary of the IPA Section Slovenia – Regional Club Koper

IPA Malta Section was invited to attend the celebrations marking the 20th Anniversary of the IPA Regional Club Koper Section Slovenia. Events were held between the 6th and 8th May 2016, by the President of IPA Koper, Amedeo Zigon and the Secretary General IPA Malta had the pleasure / honour to attend.

The celebrations started on Friday 6th May when the President of IPA Koper Amedeo Zigon and the Secretary General Milan Marinsek officially welcomed the foreign delegation from Austria, Bosnia and Herzegovina, Croatia, Italy, Macedonia, Malta and Serbia. This was followed by dinner at the hotel later that same evening.

On Saturday 7th May, after breakfast all the delegations were taken on a sightseeing tour of the medieval city of Piran. Whilst at Piran we also had the opportunity to visit a private collection of police hats, badges and uniforms, which is housed in the police station belonging to Stefan Zugec; a mem-



ber of the Maritime Border Police, a well know collector and an old friend of mine.

After the tour we went for lunch at 'Tomi' which is a famous fish restaurant in the region.

In the evening we all attended a Gala Dinner with live music from the Slovenia Police Brass Band. Speeches were made by the President of IPA Slovenia Section Stanislav Fickle, by the President IPA Koper Section Amedeo Zigon as well as by the Chief of Police of Koper, Danimir Rebec.

Each delegation presented gifts to the President of IPA Koper. A nice hand embroidered Malta IPA Section pennant was presented, on behalf of the Malta Section.

I was very surprised when I was called up by the President Amedeo Zigon, whom I had met before




and shown my collection to whilst on holiday in Malta last year. He reminded me telling him about my ongoing search for a high ranking officer's hat from Slovenia, and stunned me further by saying



I no longer had to worry about that item. I was then presented with a hat that belonged to Marjan Frank, who is the Director General of Police - the absolute highest rank there is. Needless to say I was left speechless. This is a priceless addition to my collection and I was very honoured.

During my stay in Slovenia I also managed to spend a nice afternoon at Croatia as guest of Igor Dasovil of IPA Istra where we had a nice lunch and later visited the medieval town of Groznjan and a complete day spent at Trieste as guest of Domenico Giannieri, Secretary of IPA Venezia Giula . In Trieste we visited places of interest and admired the beautiful buildings and surroundings. Both of these visits were most pleasant and enjoyable. I shall never forget my visit to Slovenia.

## Foreign Visits

During the months of April and May, we had IPA members' visitors from Germany and Poland.



The first one was Heinz Heckmanns from Germany. He was met by the Secretary General Joseph Borda and together they discussed various subjects including Amateur Radio, or as it is better know Ham Radio. Heinz is a member of the IPA Amateur Radio Club.

The second visitor was Philip Middelberg also from Germany. He was met by the President of IPA Malta, Inspector Neville Mercieca.






A group of two members accompanied by their wives from Poland, were shown around the Police Museum by Committee member Chris Cutajar.

## Membership Fee

If you have not paid your membership fee yet, please do so as soon as possible. The IPA office is open every Monday between 9.00 to 12.00 noon

ipamalta@gmail.com

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Teżorier (M.A.R.P.O.)

## Il-Kawża quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Kif kien ġie deċiż fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tat-13 ta' Diċembru 2015 li kienet saret dwar il-Kawża Kostituzzjonali, l-avukat tagħna rreġistra l-kawża fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 t'April 2016. Minn issa 'l hemm nistennew tweġiba mill-Qorti. Skont xi tkun ir-risposta niltaqgħu f'laqgħa oħra għal diskussjoni u azzjoni kif u jekk ikun meħtieġ.




## Il-ħlas tal-*Mutual Help Association* (M.H.A.)

Kif bosta tafu, fil-ħarġa tal-magażin 'Il-Pulizija' tax-xahar ta' Marzu deher rapport dwar it-tmexxija tal-*Mutual Help Association* (MHA). Fir-rapport hemm iddikjarat li tnaqqas il-ħlas f'benefiċċju minn kif kien stabbilit filwaqt li l-kontribuzzjoni li nħallsu baqgħet l-istess. It-tnaqqis hu ta' kważi €115 għal membru fil-Korp u €560 għal membru rtirat. Huwa rrappurtat ukoll li dan it-tibdil sar wara laqgħat mal-*Unions* tal-Membri tal-Korp però mal-Assoċjazzjoni tagħna ma sar xejn. Inħossu li dan mhux ġust, għax aħna kontributuri wkoll daqs kull membru tal-Korp u għalhekk kellu jsir kuntatt magħna wkoll. Għaldaqstant ktibna u tlabna għal-laqgħa mal-Kummissarju dwar dan sabiex ovvjament niddiskutu dan is-suġġett bir-rakkomandazzjonijiet tagħna filwaqt li nirriservaw kull azzjoni oħra li tkun opportuna.

## Laqgħa Ġenerali Annwali

Nhar il-Ħadd 29 ta' Mejju saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali statutorja fejn fiha saret ukoll l-Elezzjoni tal-membri tal-Eżekuttiv għas-snin 2016 – 2019.

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet kif ġej:-

- Indirizz mill-President
- Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2015
- Qari u approvazzjoni tar-rapport amministrattiv
- Qari u approvazzjoni tar-rapport finanzjarju
- Qari u approvazzjoni tar-rapport tar-reviżur
- L-andament tal-Kawża Kostituzzjonali
- Affarijiet oħra
- Xoljiment tal-Kunsill
- Elezzjoni tal-Kunsill
- Għeluq

# Mill-Imgħoddi

Illum se nikkwota *Standing Order* li ħarġet fil-15 t'Ottubru 1920 rigward l-użu tal-manetti mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien, il-Logutenent Kurunell H.W.M. Bamford O.B.E., M.C.



- *Handcuffs are to be kept at each station. They are to be kept clean and well oiled.*

- *Police on ordinary duty are not to carry handcuffs, which are to be used only when a prisoner is desperate, is likely to attempt to escape whilst being conveyed, or is charged with a very serious offence, and then only on authority of a member of the Force not below the rank of Sergeant. On every occasion when handcuffs are used an entry is to be made in the Occurrence Book recording their use and on whom.*

- *Persons committed to prison for Imprisonment or Detention Sentences are not to be handcuffed.*

- *The Commissioner has no objection to the use of handcuffs on adult male persons convicted to sentences of Hard Labour for offences under the White Slave Traffic Ordinance.*

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**



Ex PC 360 Francis Borg
1957 - 2016
1976 - 1992



Ex Supt. Dennis Balzan
1940 - 2016
1959 - 1988



Ex Pc 580 Carmelo Ghigo
1929 - 2016
1953 - 1974



Ex 1/SM 827 Joseph Agius
1935 - 2016
1956 - 1996



Ex Pc 327 Francis Saviour Bartolo
1925 - 2016
1951 - 1966
(Gozo)



Ex Pc 756 Pasqual Xerri
1931 - 2016
1955 - 1977
(Gozo)

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK